MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1106/2005

**Frank Borda Limited**

**vs**

**Carmel Callus u Susan Callus**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Mejju 2005 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erba' mija u sittin Liri Maltin u centezmu (Lm460.01), rapprezentanti bilanc ta' prezz ikbar ta' merkanzija mibjugha u supplita lill-konvenuti mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sittin Liri Maltin u centezmu (Lm460.01), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------